



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0365(COD)**

**14262/20
ADD 3**

PROCIV 105	ECOFIN 1182
JAI 1132	ENV 832
COSI 258	SAN 490
ENFOPOL 354	CHIMIE 69
CT 121	RECH 539
COTER 120	DENLEG 90
ENER 512	RELEX 1037
TRANS 621	HYBRID 49
TELECOM 277	CYBER 283
ATO 91	ESPACE 85

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2020) 359 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2020) 359 final.

Mehmuż: SWD(2020) 359 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2020
SWD(2020) 359 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-reżiljenza
tal-entitajiet kritiċi**

{COM(2020) 829 final} - {SEC(2020) 433 final} - {SWD(2020) 358 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar miżuri addizzjonali għar-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika (entrata CWP 2020)
A. Ftieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
Il-forniment ta' servizzi essenzjali li jużaw l-infrastrutturi kritiċi li jirfdu l-funzjonijiet tas-soċjetà jew l-attivitajiet ekonomiċi vitali tal-Unjoni jeħtieġu li tali servizzi jkunu forniti b'mod affidabbli, li jfisser li l-operaturi rilevanti jridu jkunu reżiljenti għar-riskji kurrenti u għar-riskji futuri antiċipati (bħall-perikli naturali, azzjonijiet ibridi, it-terroriżmu, inċidenti kkawżati minn abbuż ta' informazzjoni privileġġata, emerġenza tas-saħħa pubblika jew aċċidenti). Il-qafas Ewropew li jeżisti illum la huwa adattat u lanqas validu għall-futur. Minkejja d-Direttiva Ewropea tal-2008 dwar l-Infrastruttura Kritika (European Critical Infrastructure, ECI) u miżuri oħra fil-livell tal-UE u nazzjonali li ttieħdu minn dak inhar, l-operaturi mhumix dejjem mgħammra adegwament biex jindirizzaw ir-riskji maħluqa minn kuntest operazzjonali dejjem aktar kumplessi definiti, fost l-oħrajn, minn ambjent dinamiku tar-riskji u interdipendenzi aktar profondi bejn is-setturi. Id-Direttiva ECI, iffukata fuq il-protezzjoni tal-assi aktar milli fuq ir-reżiljenza tal-operatur, tirrigwarda għadd żgħir ta' infrastrutturi kritiċi Ewropej b'implikazzjonijiet transfruntieri identifikati f'żewġ setturi (l-enerġija u t-trasport). Barra minn hekk, fil-livell nazzjonali jeżistu approċċi diverġenti u defiċjenti dwar il-kopertura settorjali, kriterji, il-valutazzjoni tar-riskju, l-iskambju ta' informazzjoni, eċċ. Dan jirriżulta f'ostakoli għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u jfixxkel b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-operaturi li jforu s-servizzi kkonċernati madwar l-Unjoni b'mod affidabbli u bla tfixkil minn restrizzjonijiet mhux ġustifikati.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
L-oġettiv ġenerali tal-inizjattiva huwa li jkun żgurat il-forniment kontinwu ta' servizzi essenzjali fis-suq intern billi tittejjeb ir-reżiljenza tal-operaturi tal-infrastruttura kritika (fil-proposta jissejnhu "entitajiet kritiċi") fl-Istati Membri. Dan l-oġettiv ġenerali se jintlaħaq billi jkunu segwiti l-oġettivi speċifiċi segwenti: • Ikun żgurat fehim aħjar tar-riskji u l-interdipendenzi, kif ukoll il-mezzi biex ikunu indirizzati; • Ikun żgurat li l-entitajiet rilevanti kollha fis-setturi ewlenin kollha jkunu identifikati bħala kritiċi mill-awtoritajiet tal-Istati Membri; • Ikun żgurat li firxa wiesja ta' attivitajiet li jtejjbu r-reżiljenza jkunu riflessi kemm fil-politika pubblika u wkoll fil-prattiki operazzjonali. u, • Jissaħħu l-kapaċitajiet u jittejjbu l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
Intervent mill-UE huwa ġustifikat minnha n-natura komuni ta' haġna mir-riskji ffaċċjati mill-operaturi ta' infrastrutturi kritiċi fl-Ewropa, li jkomplu jsiru aktar interdipendenti fuq xulxin, flimkien ma' regoli nazzjonali diverġenti fuq din il-kwistjoni, li jfixxku l-kapaċità tal-operaturi biex ifornu s-servizzi tagħhom fis-suq intern. In-natura transnazzjonali tal-forniment tas-servizzi essenzjali tfisser li anki interruzzjonijiet lokalizzati jista' jkollhom implikazzjonijiet mifruxa Ewropej li l-azzjoni lokali wehdedha ma tistax raġonevolment tkun mistennija ttaffi. Approċċ koerenti mifrux mal-UE għall-ġestjoni tar-riskju tal-perikoli kollha f'dan il-qasam, jiżgura li l-operaturi rilevanti kollha jieħdu miżuri adegwati biex itejbu r-reżiljenza. Dan jiżgura l-forniment aktar affidabbli ta' servizzi essenzjali iżda wkoll jikkontribwixxi għal kondizzjonijiet aktar ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern.

B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Kienet kkunsidrat erba' għażliet ta' politika. L-Għażla ta' politika 1 tikkunsidra miżuri mhux leġiżlattivi, volontarji biex jinkoraġġixxu approċċi aktar komuni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni - bħala kumplement tad-Direttiva ECI eżistenti. L-Għażla ta' politika 2 tinvolvi reviżjoni tad-Direttiva ECI eżistenti sabiex tallinja l-kopertura settorjali ma' dik tad-Direttiva dwar in-Network u s-Sistema ta' Informazzjoni (Network and Information Systems, NIS) eżistenti, u

biex jirfinaw il-kriterji tal-għażla għall-operaturi ECI u r-rekwiżiti għalihom, eż. iż-żamma tal-pjanijiet ta' reżiljenza tal-operatur. Kemm l-Istati Membri u wkoll l-operaturi ECI deżinjati jkunu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tar-riskju.

Sadanittant, **I-Għażla ta' Politika 3** tinvolvi s-sostituzzjoni tad-Direttiva ECI eżistenti minn strument legali qafas ġenerali sabiex itejjeb ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi almenu fis-setturi koperti mid-Direttiva NIS eżistenti u itejjeb il-funzjonament tas-suq intern f'dan ir-rigward. L-implimentazzjoni tkun appoġġata minn ċentru ta' għarfien fil-Kummissjoni. L-Istati Membri jkunu meħtieġa jidentifikaw entitajiet kritiċi, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju, li jkunu soġġetti għal rekwiżiti differenti li jtejbura r-reżiljenza. Kemm l-Istati Membri u l-entitajiet kritiċi jkunu obbligati jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Tkun inklusa wkoll proċedura għall-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi b'sinifikat Ewropew partikolari, flimkien ma ċerti regoli partikolari applikabbli għal dawk l-entitajiet.

L-Għażla ta' Politika 4 tinkludi l-elementi kollha deskritti fl-Għażla 3. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jkollha rwol aktar attiv fid-deżinjazzjoni tal-entitajiet kritiċi u tinħoloq Aġenzija tal-UE dedikata għar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

Wara li kkunsidrat l-impatti antiċipati u l-valur ta' kull għażla, l-għażla preferita hija l-Għażla 3 li tirriżulta f'qafas ta' reżiljenza aktar komprensiv li jikkunsidra li jinkludi l-miżuri eżistenti u l-ispeċifitajiet nazzjonali.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Għadd limitat ta' Stati Membri u operaturi kkunsidraw li l-qafas kurrenti huwa biżżejjed u preferew il-miżuri volontarji fl-Għażla 1. Fir-rigward tal-Għażla 2, Stat Membru prefera jżomm l-iffukar fuq l-Infrastrutturi kritiċi Ewropej fil-format kurrenti tagħhom, waqt li oħrajn kienu favur li jkun rivedut il-kunċett tal-ECI biex ikopri infrastrutturi b'dimensjoni pan-Ewropea ċara. Maġġoranza tal-Istati Membri preferew l-Għażla 3. L-operaturi kienu l-aktar favur l-Għażlijiet 2 u 3. Mill-għażlijiet kollha, l-Għażla 4 kienet l-inqas preferuta kemm mill-Istati Membri u kif ukoll mill-operaturi; l-għażla kienet ikkunsidrata wisq intrużiva u inflessibbli, jiġifieri ma tippermettix li jitqiesu l-ispeċifitajiet settorjali.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Fid-dawl tar-rwol vitali li għandhom is-servizzi essenzjali fil-ħajja taċ-ċittadini tal-UE u għall-ekonomija tal-UE, atturi fis-setturi ekonomiċi kollha, inkluż l-intrapriżi żgħira, medji u kbar, jibbenefikaw minn reżiljenza msaħħa tal-operaturi. Minbarra l-effett pożittiv fuq negozji individwali, sforzi fil-livell tal-UE biex ikun żgurat il-forniment bla interruzzjoni tas-servizzi essenzjali jservi wkoll biex isaħħaħ l-istabilità ekonomika kumplessiva u itejjeb ulterjorment l-attrattività tas-suq tal-UE għall-investituri.

Barra l-impatt ekonomiku, il-miżuri għall-bini tar-reżiljenza fl-Għażla 3 jwasslu għal anqas tfixkil, kundizzjonijiet tax-xogħol aktar siguri, kwalità tal-ħajja u saħħa mtejbja għaċ-ċittadini tal-UE. Tassew li, aktar ma jkun affidabbli l-forniment tas-servizzi essenzjali, aktar hemm il-possibilità ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali, edukazzjonali, professjonali u rekreazzjonali pożittivi fil-ħajja taċ-ċittadini. Barra minn hekk, sforzi addizzjonali biex titnaqqas il-frekwenza u s-severità tat-tfixkil fil-forniment tas-servizzi essenzjali wkoll ikollhom impatt ambjentali pożittiv għaliex jiggarrantixxu l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi kif ukoll xejriet ta' konsum u produzzjoni aktar sostenibbli fl-UE.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma daww ewlenin)?
Il-kostijiet prinċipali għall-Istati Membri se jkunu relatati mal-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali, it-tweġġ ta' valutazzjonijiet tar-riskju, u l-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi, kif ukoll sorveljanza u infurzar. Madankollu, meta jagħmlu dan, awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jużaw politiki u proċessi eżistenti, inkluż dokumenti ta' strateġija, arranġamenti ta' valutazzjoni tar-riskju, u wkoll il-proċedura ta' deżinjazzjoni provduta fid-Direttiva dwar in-Network u s-Sistema ta' Informazzjoni, bħala bażi għall-appoġġ tal-implimentazzjoni, biex b'hekk jillimitaw il-kostijiet kumplessivi. Sadanittant, il-kostijiet diretti mġarrba minn entitajiet kritiċi identifikati, fejn meħtieġ u fejn mhux diġà qiegħed isir hekk, ikunu assoċjati mat-tweġġ ta' valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-operatur, it-teħid ta' miżuri organizzazzjonali u/jew tekniċi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-operatur u r-rapportar ta' inċidenti lill-awtoritajiet kompetenti.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
Fost dawn l-operaturi affettwati mill-għażliet varji, l-għadd ta' SMEs li jkunu affettwati mistenni jkun żgħir. Waqt li f'setturi bħat-trasport, l-enerġija jew l-ilma, l-atturi li x'aktarx jkunu deżinjati bħal entitajiet kritiċi tipikament ikunu intrapriżi medji jew kbar b'eluf ta' impjegati, entitajiet kritiċi f'setturi oħra jafu jkunu ta' daqs iżgħar. Pereżempju, huwa konċepibbli li fis-settur tas-saħħa, l-SMEs jistgħu jkunu jipprovdu servizzi speċifiċi, tekniċi ħafna jew speċjalizzati. Madankollu, wieħed jista' jargumenta li SMEs f'din il-pożizzjoni huma inkentivati jiżguraw livell għoli ta' reżiljenza wehdedhom u/ jew huma soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi nazzjonali u/jew fil-livell tal-UE, b'hekk inaqqsu l-kostijiet addizzjonali assoċjati mal-għażla ppreferuta.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Se jkun hemm xi impatti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jirriżultaw minn obbligi speċifiċi, eż. valutazzjonijiet regolari tar-riskju fil-livell nazzjonali, strateġiji nazzjonali, u miżuri superviżorji u ta' infurzar. Barra minn hekk, il-ħtieġa li jkun provdut appoġġ addizzjonali lill-operaturi identifikati bħala entitajiet kritiċi biex iwettqu l-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni jinvolvi ċerti kostijiet.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Mhux applikabbli
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
L-evalwazzjoni tal-impatt tal-att leġiżlattiv se tkun implimentata erba' snin wara l-iskadenza tal-implimentazzjoni tal-att leġiżlattiv biex ikun żgurat li hemm perjodu twil biżżejjed biex ikunu evalwati l-effetti tal-inizjattiva wara li tkun implimentata bis-sħiħ madwar l-Istati Membri kollha.